**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 17 ta' Frar, 2017**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Daryl Borg)**

**vs**

**Sandro Mifsud**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Sandro Mifsud detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 199673M akkuzat talli nhar il-21 t' Ottubru, 2014 fil-hinijiet ta' filghodu waqt li kien qieghed gewwa l-Qrati ta' Malta, il-Belt Valletta:-

1. Ingurja jew hedded, jew ghamel offiza fuq il-persuna tal-Gwardjan Josef Barbara persuna nkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qieghed jaghmel jew minhabba li kien qieghed jaghmel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur tal-Artikolu 95 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

2. Talli kkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' Probation hekk kif mghottija nhar l-4 ta' Frar, 2014 mill-Magistrat Dr N G Sciberras LL.D liema sentenza hija assoluta u ma tistax tinbidel.

Il-Qorti giet mitluba sabiex li f' kaz ta' htija tqis lill-imputat bhala li sar recidiva ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li kien misjub hati f' sentenzi moghtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna tal-Gwardjan Josef Barbara bil-kundizzjonijiet li jidrilha xieraq u dan ai terminu tal-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta et sequitur.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 2 ta' Jannar, 2015 (esebit a fol. 24 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat in-Noti ta' Sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta' dan il-kaz jirrigwardaw ncident li sehh fil-21 ta' Ottubru 2014, filghodu, fil-lock-up li jinsab fil-parti t-isfel tal-binja tal-edificcju tal-Qorti bejn l-imputat odjern Sandro Mifsud u l-Gwardjan tal-Habs CO 169 Josef Barbara li dak il-hin kien on duty fil-lock up. L-imputat li kien residenti fil-

Facilita' ta' Kordin fil-passat u ghalhekk kien jaf ben tajjeb li ma setax jaqbad u jinzel bil-lift u jmur fil-lock-up sabiex imur ikellem prigunier li kien jinsab hemm ghamel proprju hekk u Josef Barbara malli ra lill-imputat hiereg mill-lift kien pront mar izommu milli jkompli diehel fil-lock – up u l-imputat beda' joffendih u jheddu li ser isibu barra u jpattihielu. Ftit aktar tard fl-istess gurnata l-imputat waqt li kien fil-kuritur tal-Qorti qal lil Gwardjan iehor Charles Camilleri u lil Maggur Martin Schembri sabiex jghid lil CO 169 Josef Barbara li huwa kien barra u li jekk jarah kien ser 'jirfsu taht saqajh'. CO 169 mar jaghmel rapport fl-Ghassa tal-Belt dwar dak li kien sehh u sussegwentement gew intavolati l-proceduri odjerni.

Ikkunsidrat

I

Illi Josef Barbara meta xehed f' dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-26 ta' Marzu 2015 ikkonferma dak li kien qal a tempo vergine meta ghamel ir-rapport mal-Pulizija. Ix-xhieda tieghu dwar dak li sehh fil-lock up giet pjenament korroborata minn PC 1358 Tarcisio Cassar li xehed f' dawn il-proceduri waqt l-udjenza tat-8 ta' Mejju 2015 u minn CO 94 Charles Camilleri u l-Maggur Martin Schembri meta xehdu waqt l-udjenza tas-26 ta' Marzu 2015 fejn dawn ikkonfermaw dak li qal l-imputat fil-kuritur tal-Qorti fil-konfronti ta' CO 169.

Illi l-imputat meta xehed f' dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-4 ta' Novembru 2016 spjega li huwa kien mar fil-lockup sabiex ikellem habib li kien arrestat u sostna li meta huwa hareg mill-lift CO 169 beda' jghajjat mieghu u uza vjolenza fil-konfronti tieghu meta mbuttah fil-lift tant li huwa wegga' dahru u kien ghalhekk li huwa beda' joffendi lill-Gwardjan.

Illi din il-Qorti wara li semghat liz-zewg partijiet involuti fl-incident de quo jixhdu viva voce quddiemha tghid li m' ghandha l-ebda dubju dwar il-kredibilta' ta' CO 169 u dwar il-fatt li l-affarijiet sehhew kif irrakuntahom hu. Illi inoltre ix-xhieda tieghu giet korroborata minn PC 1358 Tarcisio Cassar. Fil-fehma tal-Qorti CO 169 agixxa kif kellu jagixxi ufficjal inkarigat mis-sigurta' u l-ordni fil-lock-up meta huwa impedixxa lill-imputat milli jkompli diehel fl-istess lock-up fejn ma kellu ebda awtorizzazzjoni jidhol u dan billi pogga idejh fuq spallejh u rega' ddiregih lura fil-lift minn fejn kien niezel. L-imputat ma kellu ebda raguni ghalfejn joffendi u jhedded lill-ufficjal pubbliku waqt li dan kien qed jaqdi dmirijietu u talli impedih milli jaccedi fil-lock-up tal-Qorti fejn ma kellu ebda dritt jidhol u wisq anqas ma kien gustifikat li jkompli jhedded lil CO 169 tramite terzi persuni fil-kuritur tal-Qorti.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li mill-fedina penali nserita a fol. 3 sa 16 tal-atti processwali jirrizulta li din mhux l-ewwel darba li l-imputat kiser duffrejh mal-gustizzja kif ukoll il-fatt li huwa kkommetta r-reat li tieghu ser jinstab hati waqt Ordni ta' Probation impost fuqu permezz ta' sentenza tal-4 ta' Frar 2014 u fic-cirkostanzi jidrilha li ghandha timponi piena karcerarja effettiva.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 31 u 95 tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-Artikoli 7 u 25 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfronti tieghu u tikkundannah seba' (7) xhur prigunerija u multa ta' tminn mitt Ewro (€800).

B' applikazzjoni tal-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali l-Qorti torbot lill-imputat taht obbligazzjoni personali taht penali ta' hames mitt (Ewro

(€500) ghall-perjodu ta’ tnax (12) –il xahar millum milli jimmolesta jew jivvessa lil CO 169 Josef Barbara.

**MAGISTRAT**